# Il-Ħadd 28.10.2018

1. Matul il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd (27-28/10) naqilbu s-siegħa lura għall-ħin tax-xitwa.
2. Illum 28/10, **Jum il-Bibbja u Jum il-Griżma tal-Isqof**:-
   - Fit-3:15pm tiftaħ il-knisja biex kulħadd isib postu u nilqgħu lill-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali, li ġej fostna jamministra s-Sagrament tal-Griżma.
   - Nifirħu lit-tfal li ser jirċievu dan is-Sagrament: 9 subien u 13 bniet.
   - Fl-4:00pm tibda ċ-ċelebrazzjoni
   - ***Infakkar li ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm***.
3. It-Tlieta 30/10:-
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: Inżuru l-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar fejn ikollna Rużarju u Quddiesa hemmhekk. Imbagħad ikollna *Buffet Breakfast* f'lukanda fil-Qawra. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:30pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
4. Il-Ħamis 1/11, **Solennità tal-Qaddisin kollha**:-
   - Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-quddies. Il-ħin tal-Quddies ikun bħas-soltu.
5. Il-Ġimgħa 2/11, **L-Għid tal-Imwiet**, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar - Nitolbu għal ħutna l-mejtin:
   - Filgħodu: il-quddies ikun f'dawn il-ħinijiet: Fis-7:00am u fit-7:45am.
   - Isir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm – Ħin għall-Qrar.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa li fiha niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu tul din is-sena.
   - Fis-7:00pm – Adorazzjoni li tagħlaq bil-barka Sagramentali.
   - Infakkar li matul Novembru ċ-ċimiterju jkun miftuħ mit-8:00am sal-5:00pm.
6. Is-Sibt 3/11:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
7. Il-Ħadd 4/11:-
   - Fl-4:00pm - Quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.
     ***Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm, u f'każ ta' maltemp ssir fil-knisja.***
8. Avviżi oħra:-
   - Mit-Tnejn 29/10 filgħaxija, u matul Novembru, tistgħu tiġu l-Uffiċċju Parrokkjali, fil-ħinijiet tiegħu - jiġifieri bejn id-9:00am u l-11:00am, u bejn l-4:30pm u s-6:00pm - biex tiktbu l-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2019 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom.
9. Avviżi mill-Kunsill Lokali:-
   - It-Tnejn 29/10 mit-3:00pm 'il quddiem ser tibda tingħata t-Tilqima kontra l-Influenza.
   - Dawk ir-residenti li għadhom ma rċevewx il-bin u l-boroz tal-iskart organiku għandhom imorru jiġbruhom mill-Uffiċċju tal-Kunsill.
   - Infakkru li l-ġbir tal-iskart organiku f'Malta kollha ser jibda mill-Erbgħa 31/10 skont l-iskeda maħruġa mill-Kunsill Lokali. Min ma rċeviex din l-iskeda jista' jiġbor waħda mill-Uffiċċju jew isibha fuq il-paġna tal-*Facebook* tal-Kunsill.
   - Bejn it-3/12 u t-8/12 ser isir proġett tal-*Erasmus Plus* ffinanzjat minn fondi Ewropej f'Thessaloniki l-Greċja. Għad fadal 3 postijiet sabiex żgħażagħ bejn it-18 u t-30 sena jieħdu sehem. Dawk interessati għandhom jikkuntattjaw lil xi membru tal-Kunsill Lokali.
10. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
    - € 400 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-Missjonijiet.
    - € 281 mill-Lotterija u l-Bazaar li saru bl-istess għan.
    - € 1,282 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes.
      *Min għadu ma tax l-envelop bid-donazzjoni tal-missjoni, jekk jogħġbu jġibu u jitfgħu fl-offerti matul din il-ġimgħa sabiex inkunu nistgħu nibgħatuhom.*
    - € 10 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.